**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 25 ta' Jannar, 2018**

Numru 3

**Appell Nru. 25/2017**

**Godwin Pullicino ghan-nom ta' Revolution Limited**
**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita tat-3 ta' Novembru 2017 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-26 ta' Ottubru 2017 li li biha laqghet l-appell tal-applikant ghal PA 7364/16 'proposed wind breakers and sun umbrellas around and over area allocated for tables and chairs as per DN 846/09' f'San Giljan;

Rat ir-risposta tal-applikant li ssottometta li l-appell ghandu jigi dikjarat null ghax l-okkju tal-appell ma hux bhal dak tad-decizjoni li minnu qed isir l-appell fil-mertu u ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi l-mertu ta' dan l-appell jirrigwardja l-installazzjoni ta' enclosure madwar zona reservata ghall-imwejjed u siggijiet gja koperti bil-permess PA 3799/02 u li jikkonsisti minn raised platform fil-Pjazza tal-Balluta fil-lokalita' ta' San Giljan.

Illi r-raguni ta' rifjut hija bbazata fuq il-Policy P1 tal-linja gwida dwar l-outdoor catering areas (Policy, Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Space (2016)) li tesigi illi l-outdoor catering area hija permessibbli jekk "ii) in the opinion of the permitting Authorities it does not adversely affect the characteristics of any public open space of significant historical, architectural, natural or social importance."

Illi fil-kaz odjern l-outdoor catering area hija gja approvata, u ghaldaqstant l-oggezzjoni hija limitata ghar-rigward l-installazzjoni tal-enclosure madwar il-pjattaforma ezistenti li l-Awtorita' qed tqis illi mhux idoneju fiz-zona fejn jinsab billi qed jimpingi fuq il-visual integrity tal-Pjazza tal-Balluta.

Dan it-Tribunal wara li ezamina l-inkartament tal-PA 7364/16, u kkunsidra d-disinn propost tal-enclouse, huwa tal-fehma li tali enclosure huwa mahsub b'disinn li qed jirrispekkja l-karaterristici storici u kontestwali tal-Pjazza fejn jinsab, filwaqt li qed iservi ukoll ta' il-qugh tenut id-dislivell sostanzjali ta' partijiet mill-pjattaforma mill-pavimentar tal-pjazza. F'dan il-kaz ghalhekk l-aggravju qed jigi milqugh billi r-raguni ta' rifjut mhux sostnuta.

Ghal dawn il-motivi, dan it-Tribunal qed jilqa' l-appell, ihassar id-decizjoni ta' rifjut u jordna lis-Segretarju tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex johrog il-permess tal-izvilupp skont il-pjanti a fol 1A u 47A u d-dokument a fol 41A fl-inkartament tal-PA 7364/16.

**Ikkunsidrat**

Irid jigi kunsidrat l-ewwel l-eccezzjoni tal-appellat cioe li l-appell hu null ghax l-okkju tar-rikors tal-appell mhux l-istess bhal dak tad-decizjoni. Din l-eccezzjoni ma fihiex mertu billi jidher car li hemm zball zghir fl-okkju tar-rikors ghax l-appellant gie imnizzel bhala Savio Pullicino Godwin mentri jismu Pullicino Godwin. B'danakollu Pullicino qed jidher f'isem l-appellant cioe Revolution Limited u din is-socjeta hi indikata tajjeb fir-rikors tal-appell. Dan l-izball ma jbiddel xejn mid-decizjoni jew l-okkju tal-vertenza jew l-identita tal-partijiet u anqas tehtieg xi korrezzjoni.

Ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi michuda.

L-aggravju tal-appellant hu illi d-decizjoni tat-Tribunal hi nieqsa minn motivazzjoni cara li tiggustifika r-riversament tac-cahda tal-permess mill-Awtorita u ghalhekk il-gudikat hu null.

Din il-Qorti rat l-atti ta' din l-applikazzjoni. Jidher illi l-applikant irid illi jibdel l'enclosure' madwar sit munit b'siggijiet u mwejjed minn wiehed deskritt bhala 'rustic timber enclosure', ghal wiehed bi 'laminated glass supported by anodized aluminium pillars'. Kien hemm ukoll kwistjoni dwar it-tibdil ta' umbrellel ezistenti ma' ohrajn li jidher li dwar din l-ahhar vertenza l-Awtorita ma kellhiex oggezzjoni.

It-Tribunal fid-decizjoni tieghu qal li meta ikkunsidra d-disinn propost mill-applikant dwar l-enclosure wasal ghal konkluzjoni li dan jirrispekkja l-karatteristici storici u kontestwali tal-pjazzja u wkoll hu ilqugh tenut kont tad-dizlivell sostanzjali ta' partijiet mill-pjattaforma mill-pavimenti tal-pjazza.

L-Awtorita kienet irrifjutat it-tibdil tal-enclosure rustiku ma' wiehed tal-hgieg ghax ma jzommx 'mal-visual integrity taz-zona' u taffettwa negattivament il-karatteristici ta' dan l-ispazju pubbliku li hu ta' importanza storika u arkitettonika sinifikanti. Ghalhekk tmur kontra SPED Urban Objective 4 u Policy P1 (ii) tal-Outdoor Catering Areas Guidelines.

Il-Qorti tinsab perplessa bid-decizjoni tat-Tribunal ghaliex ghalkemm ikkonkluda li fil-fehma teighu d-disinn propost jirrispekkja l-karatterestici storici u kontestwali tal-pjazzja, ma jispjegax kif wasal ghal din il-konkluzzjoni bazata fuq apprezzament tekniku u legali kif imfassla mill-pjanijiet, policies jew guidelines riferibbilment ghal dak propost bhala zvilupp. It-Tribunal seta' kellu ragunijiet validi ghaliex jasal ghal din il-konkluzjoni pero jekk it-Tribunal ma jesponix ir-raguni ghal tali konkluzjoni, difficilment il-Qorti tista' thossha konvinta li d-diskrezzjoni afdata lit-Tribunal giet uzata b'mod prudenti u gust u b'mod miftuh ghall-iskrutinju tal-partijiet. Dan bla ma din il-Qorti tnaqqas mid-diffikulta tal-partijiet biex ikunu f'pozizzjoni jappellaw minn decizjoni bla raguni sostanzjata.

Din il-Qorti ma thobbx tannulla decizjonijiet jekk mill-assiem tad-decizjoni wiehed jifhem x'wassal lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu pero f'dan il-kaz id-decizjoni ma

talludi ghal jew timplika ebda fatturi ta' natura fattwali jew teknika dwar x'wassal lit-Tribunal jiddeciedi li l-izvilupp kif propost hu konformi mal-karatterestici storici u kontestwali tal-pjazza.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Awtorita tal-Ippjanar u thassar id-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-26 ta' Ottubru 2017, u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal biex jerga' jisma u jiddeciedi l-appell mill-gdid. Spejjez jibqghu bla taxxa.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur